# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il' ħelu ma'l meħtieġ.*

**165.** **11 ta' NOVEMBRU 1911.** **IR-RABA SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IL COLERA.

Haŭn ix-xniha tiġri li nibtu fostna xi casi ta'l colera. Dana ghadna ma nafuhx f'is-sgur u il Gvern kieghed jaghmel culi ma jista biex f'il cas ma jħallihiex tixtered. Iżda ghad li il Gvern jaghmel cull ma jista jecc ma tilkghux intom ma jcun jisŭa xejn u il mard jixxerred ucoll billi il microbi b'xi mod jixxerrdu fl-arja u jaslu f'imnifsejcom.

Jecc tridu li tasseŭ il colera ma tinbetx ficom hemm bżonn li iżżommu irŭieħcom indaf minn ġeŭŭa u minn barra ghaliex il microbi ta' cull marda ma jinbtux jecc ma jsibux il ħmieġ biex tuku jghixu. Jecc ijsibucom indaf il microbi jmutu b'il ġuħ ghaliex ma jsibux x'jieclu u b'hecc ma joctrux u ma jaghmlux ħsara.

Minn barra ma hemmx bżonn infehimcom x'taghmlu biex tcunu indaf, ghaliex cullħadd jaf li il banji fietlin bi ftit sapun huma l-aħjar ħaġa. Biss la tieħdux il banji katt chiesħin ŭisk ghaliex dic ir-reżħa li iġġarrbu taghmlilcom ħsara u tiffjacchicom u li tcunu fjacchi hu ħażin ħafna fi żmien li jcun haŭn jiġru fl-arja il microbi ta' xi marda li tittieħed. Lankas ma hu tajjeb li tieħdu il banju sħun ŭisk ghaliex jiffjacchicom ucoll u jaghmel ħsara l-istess u tneħħu ŭisk minn dac il grass li jicsi il ġilda u li biex jarġa jaghmlu malajr il ġisem ijrid jisforza u b'hecc jiffjacca. Mela il banju ghandu jcun fietel tant li meta tidħlu fiħ la tħossuh jaħrak u lankas chiesaħ. F'chelma ŭaħda ghandu jcollu l-istess temperatura ta' ġisimcom.

Barra minn dana ghandcom tiftacru ucoll li il banjiet ma ghandhomx ijcunu ta' sicŭit actar milli jcun hemm bżonn ghaliex b'hecc iżżommu il pori miftuħa ŭisk u minnhom jistghu jidħlu il microbi ta'l mardijiet. Jecc ŭieħed jaħdem f'il ħmieġ hemm bżonn li jinħasel actar minn min jaghmel xoghol li ma jkaghbrux ŭisk.

Fuk is-sapun irrid inghidilcom chelma ŭaħda biss iġifieri li ma ixxeħħux meta tixtruh ghaliex meta ma tixtrux sapun fin u ghalhecc ijcun fih ħafna soder dana jattacca il ġilda, jekridha u b'hecc il microbi jcunu jistghu jidħlu f'il ġisem aħjar. Is-sapun ghandu jcun fin, bla soder u ghandu jdeŭŭeb il ħmieġ li jcun hemm ma'l ġilda bla ma jobroxha. Li iżżidu ma'l ilma xi antisetticu ħafif bħal ma hu l-acidu boricu ma jaghmelx ħażin iżda katt tħalltu ħŭejjeġ corrosivi iġifieri li jħerru il ġilda biex dina tcun tista tilka il microbi u ma tħallihomx jidħlu m'il pori f'il vini u minn hemm ġo'l ġisem collu.

Issa mela li tafu chif iżżommu ġisimcom nadif minn barra jidhirli li kabel ma inghaddi biex infehimcom chif tindafu minn ġeŭŭa ma hemmx bżonn inghidilcom li tridu ucoll iżżommu indaf darcom u ħŭejjiġcom u l-actar il dac li tieclu ghaliex ijcun imbaghbas b'ħafna idejn. Aħslu ghal darba tnejn tlieta f'ilma nadif u imbiddel dejjem il ħaxix u il frott ghaliex bosta drabi il microbi ta'l arja ijpoġġu fukhom. Ghaddu l-ilma minn fuk in-nar ucoll biex b'hecc il microbi li jcun fih toktluhom b'is-sħana. U ichel ghażlu chemm tistghu ħŭejjeġ ħfief u dac li lankas jista jiġi imkaghbar u imbaghbas minn ħafna idejn. U ichel chemm tghix u bla ma tiffangaŭ ħalli ma jcollcomx ġisimcom ghajjien b'il ħafna ichel żejjed li tcunu daħħaltu ġo fih u ghalhecc xejn spirti, cafè, tè, ħŭaŭar, zlazi u imbarazz ieħor. Abusi f'collox m'il ankas ghaliex cull ħaġa li tiffjacca il ġisem fi żmien il mard li jittieħed taghmel ħsara cbira ŭisk. Ħafna irkad u l-ebda strapazz ta'l ġisem biex jecc jidħlu fih il microbi jcun jiflaħ jiccumbatti contra taghhom u jcheċċihom. Ħaġa oħra nirraccomandalcom: LI MA TIBZGHUX! Ma hemmx ħaġa li tiffjacca actar il ġisem m'il biża li jħerrilec imsarnec bla bżonn. Billi tibżghu ma tħasslu xejn. Chiecu f'loc tibżghu u titreccnu taghmlu dac li hemm bżonn, tnaddfu darcom, tnaddfu

ġisimcom minn barra u minn ġeuũa, ma tħaxilfux fl-ichel u ma tixorbux imbejjet u spiriti u ma t'abbużaũ f'xejn ijcun ũisk aħjar m'il ħafna biża taghcom. Aghmlu curaġġ u ghinu ir-ũieħcom ghaliex b'hecc jecc Alla ħares katt jiffaċċa il gũaj, jisũielna ghal xi ħaġa iżda b'il biża u nibkghu maħmuġa u nħaxilfu chif incunu ma nirranġaũ xejn.

Mela inghaddu issa ftit biex naraũ chif ũieħed l-aħjar jaghmel biex jitnaddaf minn ġeuũa ghaliex dana hu il kofol ta' collox. La tieħdux porog ghaliex daũna jaghmlu ħafna ħsara dejjem f'is-saħħa billi jaġixxu bħal veleni u il ġisem jitlef ħafna succhi bżonjusi ghall ħajja biex ijcheċċihom il barra. L-aħjar ħaġa biex tnaddfu l-imsaren hi l-enteroclisma iġifieri il pompa li biha, bl-ilma fietel li iddaħħlu f'imsarincom, iddeũũbu dac il ħmieġ maghkud u xadim li jcun hemm bla ma tchid-duhom ũisk u b'hecc meta il microbi ta' xi marda li tittieħed jidħlu f'imsarincom ma'l ilma jeũ ma' l-ichel billi ma jsibux fuk hix ijghixu u jmutu u b'hecc ma joctrux, ma jrabbux veleni u ma jmarrdux il ġisem b'mod li ma jcunx jiflaħ ghall attacc.

Mela l-eũũel ħaġa li ghandcom taghmlu hi li tnaddfu imsarincom b'il-lavativi m'il ħafna ħmieġ li jcun hemm miġbur kadim. Ũara atu is-salt biex tcheċċu il barra il ħafna veleni li jcun hemm maħżuna f'id-demm u dana taghmluh billi tegherku ħafna. Idħlu f'is-sodda, tghatteũ tajjeb, daħħlu maghcom ħafna flixchen ta'l ħaġar b'il misħun bla ma tinsamtu u tinħarku u ħalluh joħroġ gharak chemm jiflaħ ghaliex ma dana il gharak jis-saffeũ il veleni ta'd-demm. L aghda ħudu banju biex tnaddfu minn ma'l ġilda il veleni l. jcunu inġabru.

Mezz ieħor tajjeb ħafna biex tcheċċu daũna il veleni hu li tieclu ħafna frott li fih ħafna merak bħal ma hu it-tadam, il dolligħ, il bettiħ u frott ieħor bħal dan ħalli billi taũrinaũ ħafna ma'l aũrina joħorġu il veleni u jecc f'loc ilma ũaħdu tixorbu luminati sħan b'ħafna kares ta'l lumi fihom taghmlu ħaġa ta' ġid cbir ghaliex il-lumi hu l-acbar ghadu ta'l acidu uricu li jitrabba f'il ġisem.

Iżda f'il ħin li tcunu tnaddfu ġisimcom minn barra u minn ġeũũa biex tcheċċu il veleni kejs li ma iżżiduhomx bl-ichel li tiecol.

Ghalhecc billi taghmlu saũma ta' ftit ġranet ma taghmlu xejn ħażin ghaliex issa hu il ũakt li min ghandu maħżuna ġo fih xi ħafna ħmieġijiet antichi li jisbarazzahom il barra. Aghmlu ftit curaġġ, ippruvau imkar ghal ġurnata, tnejn biss u taraũ chif tmorru aħjar. Mela anche jecc tiġi il colera f'pajjisna la tibżghu xejn; ghinu lill Gvern biex ijcun jista jiccumbattiha billi tnaddfu djarcom u ġisimcom minn ġeũũa u minn barra u billi ma tħaxilfux fl-ichlijiet. Mela xejn biża u ħafna ndafa ! ! !

* * *

Minn mindu ctibna dana l-articolu il Gvern ħareġ il Bullettin u fih kal li chellna tasseũ xi casi ta'l colera u li xi uħud minnhom mietu biha.

Dina hi aħbar ħażina ũisk ghalina ghaliex minnufih bosta pajjisi ghamlu sfrattu u curantina maghna u l-imsejchen cummerċ taghna li chien ġa imghaxxex ġmielu ħa dicsata manja li biha sejjer ijfakkar actar il pajjis.

Il Gvern ghamel seũũa li ta' galantom stkarr il casi ta' colera li nibtu jecc nibtu tasseũ. Li jaħbi disonestament ma joghġobnix ghaliex cull disonestà hi cherha u b'hecc ma chien ijsalva xejn ghaliex il pajjisi l-oħra chienu jcunu jafu l-istess biss f'in-nofs chien ijmur ġieħu u jghaddi ta' Gvern bruccun u ma jcunx emmnut jeũ fdat katt iżjed. Hi ħaġa tkila u ta' uġiegħ il kalb tasseũ li jistkarr li haũn il colera ghaliex jaf li b'dana jũakka ħsara cbira fuk il pajjis. Iżda *honesty is the best policy* dejjem u ghalhecc ħadd ma jista jatih tort ghax gharraf lill Conslijiet li haũn il colera.

Biss f'ħaġa ũaħda irrid natih tort u dana it-tort ġa ta-hulu b'articolu sabiħ ħafna GEN ta'l «*Gazzetta di Malta.*»

L-aħħar colera li żaritna chien fl-1887 iġifieri erbgha u ghoxrin sena ilu. Min chien tabib dic il ħabta chellu sgur erbgha jeũ sitta u ghoxrin sena u ghalhacc daũc it-tobba collha li il-lum ma ghandhomx ghallankas ħamsin sena ma raũx il colera seũũa chif inhu u ghalhecc ma jistghux jaghirfuha malajr.

Fost it-tobba collha li ghandu il Gvern fl-Uffiċċju Sanitarju ma jidhirli li hemm l-ebda ũieħed li katt ra colera u ghalhecc ma nafx chif setghu jaghirfuha biex ijghidu li TASSEŨ chienet colera u m'hux gastro-enterite acuta kaũnija jeũ xi ħaġ' oħra.

Daũna bneũ collox fuk l-esami batterjoloġicu iġifieri billi fittxeũ u sabu il microbi iġifieri il *bacillu virgola ta' Koch*; iżda dana ma jfisser xejn ghaliex jista jcun cas ta' colera u ma jcunx hemm microbi jeũ jista jcun hemm fl-imsaren ħafna microbi ta'l colera bla ma jcun hemm l-attacc. B'hecc nifhmu ċar li l-esami ta'l bacilli hu ħrafa u fuku ma tista tibni xejn f'issod ghad li it-tobba ta's-Sanità bneũ fuku biss ghaliex esperienza oħra ma ghandhomx sa fejn nafu aħna.

Carrington ijghidilna:— «*The diseases are not, in reality, caused by the microorganisms which are not found to be present in every «germ-disease» at all, but are due to the effete material in the system»*...

Dr: R. L. Watkins kal li:— «*that there was no positive proof that the germ ever existed before the disease* »

Dr: Lionel Beale kal bħalu ucoll, u Carrington jarġa jghidilna ċar li il «*cholera is not caused by the bacillus to which it is generally attributed but is, in reality that condition of the body—and especially of the intestines—which renders possible its life and growth within the body*: THE PREEENCE OF THE GERM HERE, AS ELSEWHERE, IS COINCIDENTAL NOT CAUSAL. SUCH IS ALSO THE CONCLUSION OF PROFESSOR ROSENBACH. »

Chiecu irrid insemmi x'kalu ħafna ghorriet oħra fuk dana conna nimleũ «Naħla» sħiħa iżda dana jidhirli li hu b'iż-żejjed biex ijfehimna li billi fl-esami b'il microscopju jsibu il *bacilllu virgola* ma hix raġuni b'iż-żejjed biex ũieħed ijghid li l-attacc hu ta'l colera. Ma dana trid l-eżami clinicu ucoll u dana ħadd ma jista jaghmlu ħlief daũc it-tobba li raũ ħafna casi ta'l colera u m'hux kraũ is-sintomi ta'l marda fuk il cotba biss. Mela ġa la darba l-eżami batterjoloġicu ma hux b'iż-żejjed u tobba li jistghu jaghmlu l-esami clinicu ta'l colera il Gvern ma jidhirlix li ghandu fl-Uffiċċju Sanitarju chif sata katt b'il coxjenza collha jghid li ghandna il colera kabel ma jcun TASSEU SGUR MINNHA ? Dana hu it-tort li aħna natu lil Gvern iġiũieri li ma hax il precaũzjonijiet collha kabel iddichjaraha bi ħsara bla tarf taghna.

Chien ijmissu, bħal ma kal GEN, li jsejjaħ x'erba tobba xjuħ li raũ u assisteũ ma ħafna casi ta'l colera bħal ma huma it-Tobba Inglott, Naudi, Sammut u Tabone ta' Ta's-Sliema, Pullicino u xi oħrajn ħalli l-eżami clinicu ta' dana ma'l esami batterjoloġicu ta't-Tobba ta's-Sanità jsaħħu flimchien jecc hux colera jeũ le ghaliex min jaf jecc ġietx iddichjarata colera bla ma hi u b'hecc saret ħsara cbira lill pajjis.

Mela dac li ma ghamelx s'issa il Gvern hemm bżonn li jaghmlu u m'il actar fis u il poplu ma ghandux ghaliex jibża billi issa ma hix l-istaġun li fiha joctor il microbu ta'l colera jecc inhi hecc. Biss ghandu cull ħadd ijżomm ruħu u daru in-daf tazza u jara x'jiecol ghaliex bħal ma kalilna dan l-aħħar il

cbir gharef Metchnikoff ta'l Istitut Pasteur ta' Parigi li il curantini huma ċajta u li biex ŭieħed ma jattaccax b'il mard hemm bżonn li jindocra l-indafa u dac li jiecol. Mela indafa, ghassa fl-ichel u curaġġ !

# TLAKKIT.

*(Jissocla minn numru ta' kabel)*

—Is-*soda* hi meħtieġa ħafna ucoll ghall ġisem; minn ghajrha ma jisirx succu gastricu u b'hecc immutu. L-actar li jinsab hu f'il ħalib, ghatz, tin, spinaci, ħass, u oħrajn.

—Il potassa tibni in-nervi. Il-laħam fih actar *potassa*; il ħxejjex fihom actar *soda*. Il ful, il ghatz, il piselli, il ħass, il patata huma l-actar li fihom *potassa* u actar m'il-laħam stess.

—L-actar li fihom *cubrit* huma il patata, il piselli u il ful. Il *cloru* jati is-saħħa l'id-demm u l-actar li nsibuh hu f'il ħalib, ghatz, ħass, spinaci u'l bajd.

—Il *fosforu* hu ta' ħtieġa cbira ŭisk u hemm bżonnu ħafna meta jcunu jlcbru it-tfal. L-actar li jinsab hu f'il ful, piselli, ross, ħalib, spinaci, ħass, laħam, bajd, leŭż u ghatz.

—Il *fluoru* hu meħtieġ ucoll biex ma jiġux varici u mardijiet oħra. L-actar li jinsab hu f'il ħass, ross, patata, basal, leŭż, ħalib u *oats*.

—Is-*silici* tiusab f'il ħass, ross, patata, *oats*, spinaci, basal u tin.

Milli rajna s'issa mela il ghatz, il ħass, l-ispinaci, il piselli u l-*oats* ŭieħed ghandu jdaħħalhom chemm jista fl-ichel.

—L-ichel li fih l-ankas sustanza hu it-tkiek abjad li minnu jsir il ħobż taghna u actar ma jcun fin actar tonkos is-sustanza tieghu. Ixtru ghalhecc li *Standard Bread* ta' Blackley ghaliex dana fih ijħalli il fosfati ta'n-nebbieta li jsostnulcom moħħcom u ma tcunux kieghdin tonfku il flus fi ftit lamtu biss u biex actar ijcun ħażin gha's-saħħa hu miżjud il *ħmira*.

—Min ijghix l-actar fuk il ħobż abjad, iz-zoccor u il butir, iż-żejt u ix-xaħam jitlef snienu cmieni bħal ma ġralhom il bicċa il cbira ta'i Americani. Biex jissaħħuhom hemm bżonn ta'l *fosfati* u ta'l *fluoru*.

—Jecc tridu jcollcom moħħ tajjeb culu il frottijiet u il ħxejjex ghaliex daun fihom ħafna *potassa* u dina ma'l *fosforu* tibni iċ-ċelluli nervusi. Fejn jonkos il ferru tinbet it-tiżi.

—F'aŭrina ta' 52 siegha u f'bili ta' 8 sieghat hemm veleni b'iż-żejjed biex joktlu bniedem. L-acidu carbonicu li joħroġ ma'n-nifs f'ġurnata hu b'iż-żejjed biex jitga bniedem. Jecc tghaddi b'il verniċ ġisem ta' bniedem ijmut billi taghlaklu il pori. Darba f'festa induraŭ tifel biex ijlibbsuh t'anġlu. It-tifel sar anġlu tasseŭ ghax miet. Dana jurina chemm jaghmel veleni cull jum il ġisem u li ghandna bżonn li inżommulu chemm nistghu il bŭieb miftuħa collha il barra.

—Scond il Dr: Eales u oħrajn id-difterite, il ħosba, l-iscarlattina, l-imsiemer, u bosta mardijiet ta'l ġilda jiġu f'il ġisem ghaliex il bniedem ijcun kieghed jiecol *carbonju* ŭisk li jinsab l-actar f'il butir, xaħam, żejt, laħam, bajd u ħŭejjeġ ħamjin oħra bħal daŭn.

# VITA DEL V. ANT TABONE, O.P.

*La sua faccia sempre gioconda e lieta, ed era accompagnata da profonda modestia, vero indicio del interna allegrezza, quiete d'animo, e lume della divina grazia, che s'era già impossessata nella sua anima; verificandosi in essa la promessa di Cristo quando disse: Qui credit in me fluenta de ventre ejus exeunt et ego et Pater meus ad eum veniemus, et mansionem apud eum faciemus. Intanto però già la divina Providenza deliberò condurre cotesto fortunato Passagiero, il quale dal tempo all'Eternità navigava l'egeo della perfidia, ne' di cui dannosissimi scogli, e frequentissime secche urtando anime senza numero, corrono pericolo manifesto d'eterno naufragio: già dico deliberò; chiamarlo dall'esilio del mondo, da quest'oscura valle delle miserie, per dargli in premio la predestinata corona: quam repromisit diligentibus se; laonde infermatosi gravemente chiamò un certo Padre per confessarsi, il quale benchè già otto giorni con la febbre giaceva nel letto, spinto e dall'importunità de' messi, (avendo Antonio mandato a chiamarlo per tre volte) e dalla riverenza che portava al Taboni, finalmente levatosi dal letto, l'andò a trovare, sostenuto da un bastone, e da un Religioso, e lo confessò. Dopo d'averlo confessato gli chiese la benedizione, quale ottenuta tosto restò libero dalla febre, sicchè lieto, senza bastone, ed altro, sano se ne tornò alla Cella. Munito con li Santissimi Sagramenti, considerando come la morte è pena del peccato, imposta dalla sempre regolata guistizia di Dio, il quale è così buono che rende appagato non solo de' volontarj flagelli, ma puranche di necessitate penalità, se l'umiltà le incontra e la pazienza le accetta da quella mano infallibile, che sempre n'esce benefica, sempre misericordiosa, abbracciò volontieri l'occasione d'offerire con tutto il cuore a Dio la morte, onde in questa conformità rassegnato colla divina volontà, quasi ottuagenario rese lo spirito al Creatore in Palermo di settembre intorno il 1555.*

*(Tissocta.)*

# GHAL DAUC LI JILAGHBU IL-LOTTU.

Daun jahsbu illi din hija it-triek l'actar facili biex uiehed jista jaghmel il fortuna tieghu mentri hija it-triek li spiss tuassal biex tirrovina lill familji. Jecc uiehed jirrifletti illi min jilghab ambo jista jirbah fost 4005, min jilghab tern jista jcun fortunat fost 117,480 u min jilghab quatern ijcun fortunat fost 2,555,190 chiecu sgur li hadd ma chien jilghab flusu taht daun il condizionijiet u ma chienx jippreferixxi IS-SELF tal flus bi PREMJI; b'daun il probabiltà li uiehed jirbah hija bil bosta actar facili, il premji bil bosta acbar, u fl-ahhar dac li hu actar INTERESSANTI hu illi il flus li uiehed johrog ma jcunu katt mitlufa, anzi spiss jigri li jcun rimborsat id-doppiu. It-titoli Panama u Congo huma l'actar interessanti ghaliex ghandhom sitt estrazjonijet fis-sena u il premji huma colossali, huma jiġu mibjugha b'rati mensili ta 5sc. bid-dritt li uiehed jista jippartecipa m'il premji sa mil'euuel pagament.

DIFFIDA—id-Ditta haun taht iffirmata hija biss responsabbli ghall contratti li jġibu il firma tas-sottoscritt: cull cuntratt iehor m'hux riconoxxut validu, u jcun inutili cull tgemgim.

Min ijrid informazjonijiet ohra ghandu jmur ghand

C. BORNACCINI

119, Strada Teatro, Valletta.

# IL CURA TA'S-SAUM

*( Tissocta minn numru ta' kabel.)*

Snin ŭara l-istess Dr: Perkins u martu fieku m'ir-**reŭmatismu** li cheilhom billi ghamlu l-istess cura u hargu it-tnejn jiftahru *«Both Mrs. Perkins and myself have to report with great satisfaction, that the rheumatism from which we have suffered many years has entirely left us in great peace and confort—with no regrets.»*

* * *

Dr: ALEXANDER HAIG, M.A. (Oxon) F.R.C.P. (*London*) hu ŭiehed m'il akŭa xjenzjati tobba ta'l Ingilterra, *«is one of the foremost medical scientists of England.»* Dana chiteb ctieb famus *«Uric Acid as the cause of disease»* li xerridlu ismu ma'd-dinja collha. Dana kara l ctieb ta' Dr: Dewey u fahhru nisk billi kal:— *«Dr: Dewey's logic is unanswerable. I proceded to put the matter to the test of experiment and the result was exactly what Dr: Dewey describes. I felt extremely bright and well and capable of very good work, both mental and bodily.... in Dr: Dewey's plan we have a most powerful stimulant to digestion and nutrition... digestion is more perfect... As the result of the experiences in my own person I now make use of Dr: Dewey's plan for my patients.»*

* * *

Dr: D. M. COLLINS, ta' Ocean Grove, N.J. **simen b'il cura ta's-saŭm** (*I have steadily gained in weight since adopted it,»* u seŭŭa l-istoncu tieghu. *«I am in better trim of work each day... I find I have constantly good appetite... is worthy the term «True Science of Living.»*

* * *

IT-TABIB J. M. PLUMMER ta' 160 Huntington Ave, ta' Boston, ijghid li cull fejn jaf li ghamlu dina il cura dejjem irnexxiet b'il gid. *«Wherever I have seen this method faithfully tried, it has been followed by an improvement in general health, and in many cases it has wrought cures which are* TRULY WONDERFUL.»

* * *

IT-TABIB C. M. NORDSTROM, ta' Malden, fl-America kal ucoll li sab ruhu tajjeb hafna b'dina il cura. *«Immediately upon adopting the plan, I was astonished to realize a buoyancy of spirits, an elasticity of sleep, and an increased power of endurance almost phenomenal.»*

* * *

IT-TABIB J. W. DILL, M.D.,D.O., ta' Oskaloosa, Jowa, fl-America, kal li min ijghix scond dac li kal f'il cotba tieghu Dr: Dewey ijgaŭdi sahhtu sgur. *«To live according to the teaching of either of Dr: Dewey's books, would soon make a new race.»*

* * *

IT-TABIB D. M. SHEEDY, M.D., ta' Poughkeepsie, N.Y. fl-America, kal li minn minndu beda miexi fuk il ctieb ta' Dr: Dewey sab ruhu tajjeb hafna u ghalhecc jirriccmanda il cura hafna. *«I would recommend every person to read Dr: Dewey's book and fallow its directions.»*

* * *

Ŭahda m'il mardijiet l-actar coroh u li it-tobba b'il medicini ftit li xejn jirnexxilhom li jiccuraŭ hu il **mard ta'l kamar**. Id-Dr: Dewey jisgurana li iccura cas b'is-saŭm. *I attended a wretched mother who had been subject to epileptic fits for years..... I met her recently and she was looking so well, so happy that I scarcely knew her. She has not had a fit since nor any need of a doctor.»*

* * *

Il famus TABIB A. RABAGLIATI, M.A.,M.D.,F.R.C.S., *EDIN*, Honorary Gynaecologist u late Senior Honorary Surgeon ta'l Bradford Royal Infirmary, Consulting Medical Officer ta'l Bradford Children's Hospital u aŭtur ta'l opra tant imfahhra «AIR, FOOD AND EXERCISE» kal f'dana il ctieb li hu jakbel hafna ma dac li jghallem Dr: Dewey *«with whose views I am glad to find myself in general accord»*

* * *

IT-TABIB E. GALLUP ta' St. Ana, f'il Califórnja, chiteb li b'il cura ta's-saŭm kieghed ijfejjak l'in-nies actar malajr. *«I am recommending Dr: Dewey's books to every person. I have treated all kinds of disease successfully (except the third stage of consumption) and since adopting Dr: Dewey's system I perform cures in less than one half the time I did before. We cannot recommend the Dewey books too highly for the benefit of the public.»*

* * *

IT-TABIB CHAS: H. SHEPHARD, ta' Brooklyn, fl-America, chiteb li b'dina il cura fejjak hafna nies. *«My success with patients has at times been phenomenal, and my personal enjoyment of the system is a delight and a* REVELATION.»

* * *

IT-TABIB A. P. BUCHMAN, PROFESSUR TA'L FISIOLOGIJA TA'L FORT WAYNE MEDICAL COLLEGE, fl-Indiana, (America) chiteb lil Dr: Dewey li b'dina il cura fejjak hafna casi ta' tifojde b'mod li ma tilefx marid uiehed biss. *«For fourteen years I have not lost a single typhoid fever patient.»*

* * *

IT-TABIB W. F. KIER ta' St. Louis, fl-America kal li Dr: Dewey b'dac li chiteb sejjer jaghmel hafna gid. *«I think he will be the instrument for doing an immense amount of good. The individual who can be induced to live according to Dr: Dewey has no inclination to drink alcohol in any of its combinations»* ghaliex ŭara il cura ta's-saŭm min ijcun kabel moghti gha's-socor ma jibkax.

* * *

W. P. BRADLEY PH. D., u Professur ta'l Chimica f'il Wesleyan University ta' Middletown, fl-America, chiteb li bintu ta' sitt snin u nofs ghamlet il cura u sabet ruhha ahjar. *«Our little girl, aged six and one half years, expressed a wish to do the same and physically we are all decidedly better.»* Is-Sinjura tieghu ŭara il cura ma bakghetx tbati bl-ugiegh ta' ras. *«Mrs. Bradley has had no recurrence of the severe sick headaches to which she was frequently subject. We never experienced such health as we now enjoy. The little girl is as healthy a child now as can be found in Middletown.»*

* * *

ELEANOR KIRK. ta' Brocklyn, fl-America, dic li chitbet bosta cotba sbih u fosthom il «PREVENTION AND CURE OF OLD AGE,» u il «PERPETUAL YOUTH» chitbet li b'il cura ta's-saŭm marret tajjeb ŭisk u li bhala hargu jiftahru hafna ohrajn. *«The Dewey regime has been of* INCALCULABLE VALUE *to me and to many of my friends.»*

*(Tissocta.)*

## St. PAUL'S INSTITUTE

**28A, Strada St. Ursola — Valletta.**

Dana l'Istitut, imûakkaf m'is-Sur Cesareo fl-1878, u minn ûara il meût tieghu riformat u dirett mir-Reverendu Dun Ġûann Gauci, M.A., DD., meghjun minn Dun Ġusepp Darmanin B. Lit., DD., Surmast fis-Siminarju, u minn sitt Surmastrijiet oħra seculari, biex jipprepara tfal ghal-Liceo, gha's-Seminarju u gha'd-Dockyard, raġa fetaħ, ûara il vaganzi, fl'4 ta' Settembru li aħna fih.

Daûc il ġenituri illi jixtieku jdaħħlu l'uliedhom f'dan l-Istitut huma mitlubin li jieħduhom fil ghodu m'id-9 sa nofs inhar.

X'ijsir f'dan l'Istitut juru biċ-ċar ir-risultati sbjeħ li chellu f-aħħar esamijiet ta'l-Liceo fejn m'il ghaxra li ippresenta ghadd-ċeû tmienja b'punti gholjin ħafna.

Aħna billi nafu chemm hi cbira il ħila ta's-Surmastrijiet li hemm ijghallmu nirraccomandaûh b'kalbna collha.

### SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lil clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseû.**

*Sejjer Johrog'*

## IR-RUH NISRANIJA KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

### SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

### CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAÛDEX.

Dina l-eûûel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eûûel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħroġha. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeû lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaûdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ħa'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON

# 'MARAVILLA'

## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU BIDDLU u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daûc collha li jridu jiccuraû rûiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minnghajr ma jirħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

## L'ELIXIR TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûh fukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħargu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
**267, STRADA REALE.**

---

# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer għodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tûiebet lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daûl kaûûi u sabiħ ûisk u ħafna ħûejjeġ oħra bħal daûn ta'l aħjar qûalità u b'prezzijiet m'il orħos. Ippruvaû biex taraû chif toħorġu cuntenti sgur.

---

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEÛ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

## METAL POLISH "PHONIX"

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEÛ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haûn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tebba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seûûa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaû iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeû jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**
TA' STRADA RJALI, TA'L BELT
**IPPRUVAÛH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

---

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.